MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1599/2001/1

**Frans Bezzina**

**vs**

**Rodi Zeya**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,030.00c (elf u tletin lira Maltin) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAB 632 propjeta’ tal-attur, meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBA 289 laqat il-vettura tal-attur, liema incident awtomobilistiku sehh fil-Marsa Bypass, Marsa fit-3 ta’ Gunju 2001, u dan prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali datata 18 ta’ Gunju 2001, u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Frans Bezzina li emerga minn fuq Stop Sign.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kawza in dezamina si tratta ta' kollizzjoni li sehhet fit-3 ta' Gunju, 2001 bejn vettura JAB 632 misjuqa mill-attur u vettura BBA 289 misjuqa mill-konvenut fil-Bypass ta' Sta. Venera li taghti ghal Marsa. L-konvenut kien fil-Bypass niezel fid-direzzjoni tal-Marsa, filwaqt li l-attur hareg mit-triq li taghti mic-centru tal-Marsa.  Gie mill-Hamrun, jieqaf fil-Stop Sign ta' Triq it-Tigrija biex sussegwentement jinghaqad mal-istess Bypass.  Esplora t-triq hareg il-karreggjata hares fil-mera u mar fuq il-karreggjata ta' barra.  F'din il-karreggjata kien niezel il-konvenut.  Dana prova jevitah izda spiccaw biex saret il-kollizzjoni. Jirrizulta li kien hemm xhud okulari – Herbert Bezzina li ta' x-xhieda tieghu tramite affidavit.

In kontro-ezami pero' huwa kien pero' aktar illuminanti. Lill-attur ma rahx jieqaf qabel ma hareg fil-Bypass u kien tul is-sitt (6) karozzi u mar mill-ewwel fuq il-karreggjata ta' barra ossia minn fejn kien niezel il-konvenut, pero' qabez bil-mod bl-indikazzjoni tixghel tal-lemin.

Illi huwa kontestat bejn il-partijiet fejn effettivament saret il-habta.  Di fatti gew minnhom prezentati zewg (2) sketches tal-habta.

Sia l-Highway Code u sia giurisprudenza kostanti jistipulaw meta side road user irid jisporgja ghal fuq main road.  Fil-kaz odjern niente di meno ghal Bypass – triq

arterjali principali ghall-ahhar. Kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Busuttil vs Victor Grima" (P.A. deciza 24 ta' April 1996) – il-fatt li wiehed ihares fil-mera u jixghel l-indicator ma jintitolax lis-sewwieq li ma jiehux aktar prekawzjonijiet, aktar u aktar meta ser ifixkel il-free flow of traffic.

Kif ritenut inoltre fil-kawza "Primrose General Trading Ltd vs Bartholomew Agius (P.A. 4 ta' Dicembru 1996) u "Martin Bartolo u Darren Abela (MM 25 ta' Gunju 1997) jirrikorru erba' (4) principji bazici veru kull sewwieq.

(a) rispett lejn is-sinjali tat-toroq.
(b) zamma ta' proper look out qabel ma jaghmel il-manuvra li tiddisturba t-traffiku.
(c) Jaghti sinjal adegwat u sufficjenti tal-intenzjonijiet tieghu.
(d) Izomm distanza adegwata minn ta' quddiemu biex ikun jista' jiehu kull mizura opportuna.

Jirrizulta ampjament li l-attur naqas fl-ewwel tlett (3) principji. Skond ix-xhud tieghu stess huwa ma waqafx qabel ma hareg fixkel il-free flow of traffic ghax kien gej it-traffiku ossia l-istess xhud u l-konvenut u mar fuq il-karreggjata opposta minghajr id-debita prekawzjoni. Biex jipprova jevitah, il-konvenut spicca gol-bankina u dahal gol-attur minn wara. Jista' jkun 'main road abuser' il-konvenut. It-Tribunal jirrileva li kien qieghed go Bypass u mhux triq normali.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jikkonkludi li r-responsabbilta' tal-kollizzjoni kien unikament tal-attur.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Dr Joseph P Bonnici**

## Gudikatur